TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 253/10

**Dr. Ing. Victor Buttigieg**

**vs**

**Melita plc.**

Illum 28 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn, u ħamsa w sittin ewro, u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€265.72), kif ukoll mitejn u tnejn u tletin ewro, u erbgħa w disgħin ċenteżmi (€232.94) bħala danni morali minħabba l-fatt illi pprova jwaqqaf is-servizz tal-Melita u l-kaxxi diġitali ġew rifjutati.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi f'Settembru 2009, huwa pprova jwaqqaf is-servizz tal-Melita billi jirritorna lura żewġ kaxxi diġitali lil tal-Melita, pero' dawn ġew rifjutati. Kellu jsir appuntament biex jiġu jiġbru l-kaxxi u ġie nfurmat li kellu jibqa' jħallas is-servizz għal tliet xhur, u r-rikorrenti qiegħed joġġezzjona wkoll għas-servizz ta' tliet xhur.

L-intimat daparti tiegħu aċċetta illi r-rikorrenti ma jħallasx iċ-*charges* kollha, pero' l-istess intimat aċċetta li kull ma kien hemm bżonn huwa *notice* ta' xahar.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u kkonsidra x-xhieda u ra d-dokumenti, jinnota illi l-ammont ta' erbgħa u tletin ewro, w ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€34.25) għad irid jitħallas li huwa ta' xahar notice.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, pero' qed jiċħad it-talba tad-danni morali, b'dan illi r-rikorrenti m'għandux iħallas għal tliet xhur *notice*, pero' għandu jħallas biss l-ammont ta' erbgħa u tletin ewro, w ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€34.25), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**